MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 252/2004

**Avukat Luigi Sansone bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *JT International S.A.***
***Versus***

***Jay Tea International Co. Ltd***

Din hija kawża dwar konkorrenza illeċita.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi kienet inkorporata fl-Isvizzera fit-28 t'Ottubru 1999 bl-isem ta' *JT International SA*, u tmexxi negozju internazzjonali fit-tabakk bħala sussidjarja tas-soċjetà ġappuniża *Japan Tobacco Inc.*, mnejn ġejjin l-ittri "J", "T" u "I" fl-isem ta' l-attriċi. Is-soċjetà attriċi ilha ħafna snin tagħmel, fost ħwejjeġ oħra, sigarretti magħrufin bit-tikketta *Monte Carlo*, li jitqassmu għall-bejgħ f'ħafna pajjiżi, u t-tikketta hija reġistrata bħala *trade mark* li s-sid tagħha hija *Japan Tobacco Inc.* waqt illi s-soċjetà attriċi hija detentriċi esklusiva ta' liċenza għall-istess *trade mark.* Biż-żmien, l-attriċi kisbet fama u avvjament internazzjonali dwar il-prodotti fuq imsemmija.

Is-soċjetà attriċi għandha negozju f'Malta wkoll fil-bejgħ minn ħwienet *duty free* ta' prodotti tat-tabakk ta' *Japan Tobacco Inc.* jew tagħha stess, fosthom is-sigarretti magħrufa bħala *Camel*, *Winston*, *Salem* u *More*.
Is-soċjetà konvenuta kienet inkorporata f'Malta fl-24 t'Ottubru 2001 bħala *international trading company* bl-isem ta' *Jay Tea International Co. Ltd.* Dan l-isem huwa akronima ta' l-isem *JT International* tas-soċjetà attriċi, u sallum il-konvenuta għadha tinnegozja b'dan l-isem. Barra minn hekk, fil-kummerċ tagħha fil-qasam ta' prodotti tat-tabakk, ħwejjeġ tat-tipjip u sulfarini, il-konvenuta qiegħda tinqeda b'marka jew sinjal distintiv magħmul b'tikketta li fiha l-kliem *Monte Carlo* li hija l-istess bħal dik li tinqeda biha l-attriċi fuq il-prodotti leġittimi tagħha.
Dan qiegħed isir għalkemm il-konvenuta ma għandha ebda rabta jew ftehim ma' l-attriċi, la direttament u lanqas indirettament. Huwa ċar għalhekk illi, meta tinqeda bl-isem *Jay Tea International Co. Ltd* u bil-marka jew sinjal distintiv *Monte Carlo*, il-konvenuta qiegħda taqbeż il-limiti tal-konkorrenza leċita, bi ksur ta' l-art. 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-attriċi għandha interess illi tmexxi bl-azzjoni taħt l-art. 37 tal-Kodiċi tal-Kummerċ sabiex tħares il-jeddijiet tagħha; billi għalxejn sejħet lill-konvenuta b'ittra tas-27 ta' Frar 2004 sabiex tieqaf mill-għemil tagħha bi ksur tal-liġi, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:
1. tgħid illi meta tinqeda bl-isem *Jay Tea International Ltd* is-soċjetà konvenuta hija ħatja ta' konkorrenza illeċita bi ksur ta' l-art. 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;
2. tgħid illi meta tinqeda bil-marka jew sinjal distintiv *Monte Carlo* s-soċjetà konvenuta hija wkoll ħatja ta' konkorrenza illeċita bi ksur ta' l-art. 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi penali ta' bejn għaxar liri (Lm10) u ħames mitt lira (Lm500), għal kull ksur tal-liġi skond l-ewwel żewġ talbiet;
4. tordna lill-konvenuta sabiex, fi żmien qasir li jingħatalha, tibdel isimha għal ieħor illi ma joħloqx konfużjoni ma' dak tas-soċjetà attriċi, u teqred kull prodott li jkun f'idejha jew taħt il-kontroll tagħha li jkun juri l-marka jew sinjal distintiv fuq imsemmi;

5. iżżomm lill-konvenuta għal dejjem milli b'xi mod tinqeda bil-marka jew sinjal distintiv *Monte Carlo*; u
6. tagħti kull rimedju ieħor li jista' jneħħi l-att li bih saret il-konkorrenza illeċita.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra tas-27 ta' Frar 2004, u l-imgħax minn meta tingħata s-sentenza sa meta jsir il-ħlas.

Is-soċjetà konvenuta, għalkemm notifikata bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressqitx eċċezzjonijiet u ma dehritx għas-smigħ tal-kawża. Lanqas ma għamlet sottomissjonijiet bil-miktub għalkemm il-qorti tatha s-setgħa tagħmel hekk taħt l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Dan huwa każ flagranti ta' konkorrenza illeċita fejn *res ipsa loquitur*.

Kemm l-isem tas-soċjetà konvenuta — *Jay Tea International* — jinstema' l-istess bħal dak ta' l-attriċi — *JT International* —, u għalhekk joħloq konfużjoni billi jagħti lil min jisma' l-isem x'jaħseb illi hemm xi rabta bejn iż-żewġ soċjatejiet, u kif ukoll l-isem — *Monte Carlo*— li jidher fuq il-pakketti tas-sigarretti li jbigħu ż-żewġ soċjetajiet joħloq konfużjoni għax jagħti lil min jara l-prodott tal-konvenuta x'jaħseb illi huwa prodott ta' l-attriċi. Id-disinn u l-forma tal-pakketti wkoll huma l-istess.

Din il-qorti ma għandha ebda dubju illi s-soċjetà konvenuta mxiet *in mala fide* biex tisraq mill-avvjament li kisbet is-soċjetà attriċi, u għalhekk ir-rimedji mitluba mill-attriċi għandhom jingħataw sabiex tinqered il-konkorrenza illeċita.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tgħid illi s-soċjetà konvenuta hija ħatja ta' konkorrenza illeċita bi ksur ta' l-art. 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ talli nqdiet bl-isem *Jay Tea International Ltd*;
2. tgħid illi s-soċjetà konvenuta hija wkoll ħatja ta' konkorrenza illeċita bi ksur ta' l-art. 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ talli nqdiet bil-marka jew sinjal distintiv *Monte Carlo*;
3. wara li qieset il-*mala fides* tal-konvenuta, tikkundannaha tħallas lill-attriċi ħames mitt lira (Lm500) bħala penali għall-konkorrenza illeċita bl-isem *Jay Tea International*, u tikkundannaha tħallas ħames mitt lira (Lm500) oħra bħala penali għall-konkorrenza illeċita bil-

marka *Monte Carlo*, b'kollox elf lira (Lm1,000), flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq din is-somma mil-lum sa meta jsir il-ħlas;
4. tordna lill-konvenuta sabiex, fi żmien ħmistax millum, tibdel isimha għal ieħor illi ma joħloqx konfużjoni ma' dak tas-soċjetà attriċi, u teqred kull prodott li għandha f'idejha jew taħt il-kontroll tagħha li jkun juri l-marka *Monte Carlo*;
5. iżżomm lill-konvenuta għal dejjem milli b'xi mod tinqeda bil-marka jew sinjal distintiv *Monte Carlo*; u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------